# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 250/2016**

Il-Pulizija

vs

**Alfred Vella**

iben Joseph, imwieled il-Hamrun, fl-14 ta' Gunju, 1942, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 348742(M)

Illum 10 ta' Ottubru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellat Alfred Vella quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli bejn nhar il-21 ta' Settembru, 2013 u 22 ta' Settembru, 2013 ġewwa Triq iż-Żonqor, Santa Venera, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ mobbli ta' Jesmond Montanaro detentur tal-karta tal-identita 69267M u cioe' vettura ta' l-għamla Opel bin-numru tar-reġistrazzjoni MON149, liema ħsara tammonta għal 331.59 li dan l-ammont huwa aktar minn Euros 116.47 izda anqas minn Euros 1164.67, a tenur tal-Art 325 tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-2 ta' Mejju, 2016 fejn il-Qorti wara li semgħet ix-xhieda u s-sottomissjonijiet ma sabitx lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant illiberatu minnha.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali minnu ppreżentat fid-19 ta' Mejju, 2016 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha wara li tikkonsidra l-provi kollha ammissibbli skond il-liġi, tħassar u tirrevoka s-sentenza u minflok issib lill-appellat ħati ta' l-akkużi kif dedotti kontra tiegħu u tinfliġġi l-piena skond il-liġi.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-esponent irċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, illiberat lill-imputat mill-imputazzjoni miġjuba kontrih wara li rriteniet li l-aħjar prova miġjuba quddiemha li kien il-filmat tas-CCTV ma nfetaħx u kwindi żgur li ma jistax jintuża bħala prova u li l-provi l-oħra kollha in atti jippuntaw biss lejn liberatorja. Illi l-Qorti tal-Maġistrati waslet għal konklużjoni tagħha li tiskarta din il-prova wara li rriteniet illi :-

> *"l-filmat esebit li tant saret referenza għalih u li minnu ttieħdu ż-żewg stills li ġew ezebiti, nonostante li ġie preżentat il-programm, u nonostante li din il-Qorti tat l-opportunita' lill-prosekuzzjoni biex tħarrek lil xi uffiċjali mis-sezzjoni forensika biex ikun jista' jinfetaħ il-filmat u kemm il-Qorti u l-partijiet jarawh dan baqa' ma tħarrikx.* ***<u>Għalhekk il-filmat ezebit ma nfetaħx u kwindi żgur li ma jistax jintuża' bħala prova</u>[1]****. L-istills ezebiti għalkemm fihom jidher l-imputat imkien ma jirriżulta li l-istess imputat qiegħed jobrox il-karozza u* ***<u>fi kwalunkwe każ l-aħjar prova kien il-filmat</u>[2]****."*

[1] Enfasi mizjuda mill-esponent

[2] Enfasi mizjuda mill-esponent

Illi l-aggravju tal-esponent huwa ċar u manifest u dan għaliex bid-dovut rispett l-esponent ma jarax illi hemm xi raġuni legalment jew fattwalment valida li kellha twassal lill-Qorti tal-Maġistrati sabiex tiskarta prova ndispensabbli li ġiet prodotta mill-prosekuzzjoni b'appoġġ għall-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat *qua* appellat. Illi l-filmat tas-CCTV huwa prova ammissibbli skond il-liġi u kellu jiġi kkunsidrat flimkien mal-provi l-oħra kollha miġjuba kontra l-appellat u dan għas-segwenti raġunijiet :-

(I) Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li fis-seduta ta' nhar l-14 ta' Lulju, 2014 (verbal inserit a fol 17 tal-atti) l-Ispettur Sarah Magri kienet preżentat CD immarkata bħala Dok SM 2 li kienet tikkonsisti fil-filmat tas-CCTV cameras tal-MITA liema filmat kien ġie elevat mis-Sur Wayne Lee Valentine li jaħdem il-MITA.

(II) Illi jirriżulta wkoll mill-atti li fis-seduta ta' nhar is-27 ta' Ottubru 2014 (verbal inserit a fol 36 tal-atti) kien xehed ukoll is-Sur Wayne Lee Valentine li spjega li huwa jaħdem il-MITA u li kien kkonferma li s-CD suriferita kienet tikkontjeni l-filmat tas-CCTV cameras li kien ġie elevat mill-MITA.

(III) Illi sussegwentement fis-seduta ta' nhar is-7 ta' Lulju 2015 (verbal inserit a fol 71), kien reġa' xehed is-Sur Wayne Lee Valentine li kien preżenta software li permezz tiegħu wieħed ikun jista' jara l-filmat tas-CCTV cameras.

Illi in vista' ta' dan, għandu jkun paċifiku li kemm il-filmat tas-CCTV kif ukoll *is-software* meħtieġ sabiex jintwera dan il-filmat jifformaw parti mill-atti proċesswali. Illi l-esponent jissottometti li huwa stess ukoll kien ra l-filmat permezz tal-istess software eżebit in atti. Illi huwa propju għalhekk li l-esponent jinsab ferm perpless bil-konsiderazzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati fejn irriteniet illi stante li ma kienx tħarrek xi uffiċċjal mis-sezzjoni forensika biex ikun jista' jinfetaħ il-filmat sabiex kemm il-Qorti u l-partijiet jarawh, il-filmat ezebit baqa' ma nfetaħx u kwindi ma setax jintuża bħala prova !

Illi l-esponent jerġa' jtenni għalhekk li l-filmat tas-CCTV għandu jiġi kkonsidrat flimkien mal-provi l-ohra kollha mressqa mill-prosekuzzjoni stante li dan jikostitwixxi wkoll prova ammissibbli u valida skond il-ligi. L-esponent jidhirlu li l-filmat juri b'mod ċar l-involviment sħiħ tal-imputat qua appellat Alfred Vella li jidher qiegħed jagħmel ħsara volontarja fuq il-vettura

tas-Sur Montanaro. Illi għalhekk l-esponent huwa tal-umli fehma li meta l-provi kollha tal-prosekuzzjoni jiġu kunsidrati fl-assjem tagħhom, dawn juru biċ-ċar illi l-prosekuzzjoni pruvat il-każ tagħha sal-grad rikjest mill-liġi.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-appell ġie intavolat mill-Avukat Generali minħabba li l-prova li tista' tkun ta' importanza kbira għal liberatorja o meno tal-appellat ma ġietx użata mill-Ewwel Qorti minħabba li tekniku tal-forensika ma ġiex inġunt mill-Prosekuzzjoni sabiex jiftaħ ic-CD esebita li tikkontjeni filmat tas-CCTV cameras tal-MITA fejn turi lil appellant viċin il-karozza tal-parti ċivile.

Mill-istills esebiti fl-Atti mhumiex ċari biżżejjed biex jintużaw bħala prova.

M'hemm ebda xhieda okulari u din il-prova ġiet skartata sempliċiment fuq bażi teknoloġika li setgħet b'xi mod jew ieħor tissolva.

Illi din il-Qorti tħoss li din il-prova kellha tintuża mill-Ewwel Qorti qabel ma tiddeċidi jekk l-appellat kienx ħati jew le tal-akkużi miġjuba fil-konfronti tiegħu.

Għal din ir-raġuni, l-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali u qed tirrevoka s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi mill-Qorti tal-Maġistrati fit-2 ta' Mejju, 2016 u qed tirremetti l-każ lura lill-Qorti tal-Maġistrati sabiex l-imputat jkollu d-dritt għad-doppio esame.